minn Dun Hector Scerri

# Marija, l-Ewwel Tabernaklu

***Mhux l-ewwel darba li waqt xi adorazzjoni jew f'xi omelija smajna 'l xi ħadd jirreferi għall-Madonna bħala "l-Ewwel Tabernaklu". Dan nistgħu ngħiduh frott ta' l-imħabba u d-devozzjoni tagħna lejn Marija. Naturalment, l-għajn ta' riflessjoni bħal din ġej mill-fatt li Marija ġarret lil Ġesu` għal disa' xhur sħaħ qabel twelidu. Nafu wkoll, mill-Vanġelu ta' San Luqa, li Marija żaret lil qaribitha, Santa Eliżabetta. Hemmhekk għandna rakkont mill-isbaħ dwar il-laqgħa li kellhom dawn iż-żewġ ommijiet li kienu qed jistennew tarbija. Nafu xi kliem ta' fidi u radd il-ħajr lissnu.***

Dwar Marija bħala l-Ewwel Tabernaklu, huwa importanti li nkunu ċari b'dak li qegħdin nifhmu. Qabel kollox, importanti li ngħidu x'qegħdin nifhmu b'tabernaklu. Tabernaklu, fil-kuntest reliġjuż Lhudi ta' l-Antik Testment, jirreferi għall-Post il-Qaddis (bl-Ingliż, *Holy of Holies*) fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Huwa dak l-imkien fejn kien hemm l-Arka tal-Patt, sinjal li jidher li Alla hu preżenti fost il-Poplu tiegħu biex imexxih u jħarsu. Il-Post il-Qaddis ma seta' jidħol ħadd fih, ħlief il-Qassis il-Kbir li kien jidħol fih darba fis-sena biss, f'jum speċjali li kienu jgħidulu Yom Kippur (Jum l-Espjazzjoni). Mela, il-Post il-Qaddis għal-Lhud kien sinjal qawwi tal-preżenza ta' Alla fost il-Poplu tiegħu.

Għaldaqstant meta nitkellmu dwar Marija bħala tabernaklu f'dan l-ewwel sens, inkunu qed infissru ċar li Marija ġarret lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'ġufha għal disa' xhur sħaħ. Għalhekk, mhux biss spiritwalment, imma qabel kollox fiżikament, Marija hija tabernaklu ta' Alla għax Alla kien qed jgħammar f'ġufha. Hemm innu magħruf ħafna fost il-Knejjes Orjentali, innu li jġib l-isem ta' Akathistos, li fih il-poplu jfaħħar lil Marija b'dawn il-kelmiet: "Ifraħ, int tabernaklu ta' Alla u tal-Verb divin".

Bosta qaddisin u kittieba tal-qedem tkellmu dwar dan il-fatt jew b'dan il-mod jew bi kliem jixbhu. San Ġermanu ta' Kostantinopli jiddeskrivi lil Marija bħala "dik li bl-aktar mod sħiħ kienet il-post ta' l-għamara ta' Alla". San Efrem tas-Sirja jgħanni li Marija hija "l-imkien fejn jgħammar l-Ispirtu s-Santu". San Ċirillu ta' Lixandra jitkellem dwar Marija bħala "t-tempju li ma jistax jinqered, u l-post fejn jgħammar dak li xejn ma jesgħu". San Ġlormu jistqarr li l-Madonna hija "t-tempju tal-ġisem tal-Mulej" u "s-santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu". Imbagħad, fil-liturġija Biżantina, lejlet il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, Marija tissejjaħ "il-veru tempju tal-Verb Divin".

Anke meta naqraw is-silta li aħna mdorrijin nisimgħu li tirrakkonta l-Viżitazzjoni, u nikkontemplaw din ix-xena, naraw kemm hu veru li Marija tista' tissejjaħ tabernaklu ta' Alla. Marija marret għand Eliżabetta biex taqdiha fil-ħtiġijiet tagħha. Nistgħu ma nerġgħux nisimgħu kliem it-tielet Evanġelista?

"Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: 'Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ" (Lq 1, 41-44).

Marija wasslet il-preżenza ta' Alla fid-dar ta' Żakkarija u Eliżabetta. Bir-raġun kollu, hawnhekk inħarsu lejn Marija bħala tabernaklu ta' Alla. Tant hu hekk li huma ħafna l-kittieba u l-istudjużi tal-Bibbja li jqabblu din il-ġrajja u t-tliet xhur li Marija għaddiet għand Eliżabetta mar-rakkont li jitkellem dwar it-tliet xhur li l-Arka tal-Patt kienet għamlet fid-dar ta' Għobed-edom fi triqitha lejn il-belt



ta' Ġerusalemm, fi żmien is-sultan David. Tul dawk it-tliet xhur, Għobed-edom u daru mtlew b'kull barka minn Alla (ara 2 Sam 6,9-12).

Li nitkellmu dwar Marija bħala tabernaklu tal-preżenza ta' Alla fis-sens li fissirna

s'issa, m'għandux joħolqilna diffikultajiet. Fiżikament Marija kienet qiegħda ġġorr it-tieni persuna tat-Trinità Qaddisa, Alla magħmul bniedem.

Imma issa jeħtieġ ukoll li nitkellmu ċar meta b'tabernaklu nirreferu għat-tifsira l-oħra tiegħu. Għalina l-Insara t-tabernaklu huwa dak il-post, ġeneralment



ċkejken, li fih inżommu l-Ewkaristija fil-knejjes u l-kappelli tagħna. Biex jgħinna f'din ir-riflessjoni ninsabu tassew ixxurtjati li l-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-17 ta' April li għadda, ippubblika enċiklika dwar l-Ewkaristija, u li fiha jitkellem dwar is-suġġett tagħna. Huwa ferm importanti li nifhmu tajjeb il-kliem li l-Papa juża biex jgħallem b'awtorità. Fl-aħħar sezzjoni ta' din l-enċiklika, Ecclesia de Eucharistia, huwa jiddedika għadd ta' riflessjonijiet dwar Marija, "il-mara Ewkaristika".

Il-Papa jistqarr: "Marija b'xi mod uriet il-fidi Ewkaristika tagħha sa minn qabel it-twaqqif ta' l-Ewkaristija, għax offriet il-ġuf safi tagħha għall-inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. L-Ewkaristija, waqt li ġġedded it-tifkira tal-passjoni tal-Mulej u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, fl-istess ħin iġġedded ukoll l-inkarnazzjoni tiegħu. Fit-Tħabbira ta' l-anġlu, Marija nisslet l-Iben ta' Alla u dan sar fiha bniedem tassew b'ġismu u demmu, u hekk b'xi mod antiċipat fiha dak li jsir b'mod sagramentali f'kull fidil li jirċievi l-ġisem u d-demm tal-Mulej taħt l-ispeċi tal-ħobż u ta' l-inbid" (paragrafu 55a).

Jekk ngħarblu sew dak li qed jgħallimna l-Papa għandna noqogħdu attenti li ma niġrux u nikkonkludu li fil-ġuf ta' Marija hemm l-Ewkaristija. Ma ninsewx li l-Ewkaristija hija s-sagrament ta' Kristu Rxoxt. Jiġifieri, meta nirċievu l-Ewkaristija, qegħdin nieklu u nixorbu taħt speċi sagramentali l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu Rxoxt. Issa, importanti li nifhmu li fil-ġuf ta' Marija m'hemmx il-Ġisem glorifikat ta' Kristu Rxoxt. Għal disa' xhur kien hemm preżenti fiżikament (jiġifieri realment) il-ġisem tat-tieni Persuna tat-Trinità, imma mhux fl-istat ta' ġisem irxuxtat. Għalkemm hemm identità bejn il-ġisem ta' Ġesù qabel u wara l-Qawmien, illum it-teologi aktar jitkellmu dwar "identità li ġiet trasformata" *(identity-in-transformation)*. Fil-fatt, il-Papa, fis-silta li semmejna qabel jistqarr li meta Marija qalet "iva" u seħħet l-Inkarnazzjoni, Marija "b'xi mod antiċipat fiha dak li jsir b'mod sagramentali" meta aħna nirċievu l-Ewkaristija. Innota tajjeb il-kliem: "b'xi mod antiċipat".

Anke, aktar 'l isfel, fl-istess enċiklika, il-Papa ma jgħidx li Marija hija tabernaklu, imma bi kliem preċiż ħafna jistqarr li "qisha tabernaklu". Is-silta sħiħa tgħid hekk: "Meta marret iżżur lil Eliżabetta bl-Iben ta' Alla magħmul bniedem f'ġufha, hija saret qisha 'tabernaklu', l-ewwel 'tabernaklu' fl-istorja li fih l-Iben ta' Alla, li kien għadu ma jidhirx f'għajnejn il-bnedmin, ippreżenta ruħu lil Eliżabetta biex tadurah, u bħallikieku mlieħa bid-dawl tiegħu permezz ta' l-għajnejn u l-leħen ta' Marija" (paragrafu 55c). Il-Papa tenna parti minn din is-silta fl-omelija nhar is-solennita` ta' Corpus Domini, fil-funzjoni li saret quddiem il-Bażilika tal-Lateran ġewwa Ruma, f'Ġunju li għadda.

Marija għandha rwol ċentrali fil-missjoni ta' Binha Ġesù. Kif naqraw u nitgħallmu fil-Vanġelu, kif ukoll mit-Tradizzjoni kostanti tal-Knisja, Marija, "l-Omm twajba tal-Feddej u qaddejja umli tal-Mulej... issieħbet miegħu f'ħidmietu. Hi nisslet lil Kristu, wilditu, rabbietu, offrietu lill-Missier fit-tempju, u sofriet ma' Binha huwa u jmut fuq is-salib; b'hekk hi kellha sehem speċjali fil-ħidma tas-Salvatur" (Konċilju Vatikan II, Lumen Gentium, paragrafu 61). Huwa għalhekk li fil-Providenza tiegħu Alla ried li Marija tkun "il-bint l-aktar maħbuba Tiegħu u s-santwarju ta' l-Ispirtu s-Santu" (Lumen Gentium, 53). Huwa għalhekk li nistgħu nsejħu lill-Madonna, l-Ewwel Tabernaklu ta' Alla.

**Dun Hector Scerri huwa l-Viċi-Rettur tas-Seminarju tal-Kbar u Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Dommatika fl-Università ta' Malta. Huwa wkoll iċ-ċensur teoloġiku ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.**